# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU. 1568

Każ Nru 2217/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Anthony Mark Barbara

u

Invicta Ltd

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 12 ta' Jannar 2005

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie preżentat mill-Avukat Mark Chetcuti f'isem Anthony Mark Barbara fejn ġie allegat li dan ġie liċenzjat illegalment minn mas-soċjetá Invicta Ltd fit-12 ta' Awwissu 2004. Il-Kumpanija Appellata, li kienet rappreżentata minn Charles u Alfred Farrugia, Diretturi, assistiti minn Karm Farrugia, innegat dan. Inżammu erba' seduti.

Ai termini tal-artiklu 78(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 minħabba n-nuqqas ta' infrastruttura u għal raġunijiet li jirriżultaw mill-atti ma kienx possibli li l-każ jinstema' u jinqata' fiż-żmien preskritt mill-liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant jirritjeni li kuntrarjament ta' dak li kellu mniżżel fil-kuntratt tax-xogħol li qabel it-tkeċċija kellu jkollu erba' twissijiet bil-miktub huwa ġie liċenżjat wara twissija waħda bil-miktub. Indipendentement minn dan jgħid li l-infrazzjonijiet li ġie addebitat bihom kienu ta' natura żgħira li ma jimmeritawx it-tkeċċija. Il-Kumpanija Appellata tirritjeni li l-Appellant kien ħati ta' insubordinazzjoni, kellu attitudini aggressiva u kien ikkommetta diversi żbalji matul il-karriera qasira tiegħu mal-Kumpanija.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal eżamina bir-reqqa il-kuntratt tax-xogħol li rregola l-impieg tal-Appellant. L-aħħar paragrafu tal-kuntratt, intestat "Ksur ta' Regoli", jgħid testwalment : "L-impjegat jiġi ammonut (sic):- L-ewwel darba – bil-miktub u kopja lil Labour Office, it-tieni darba – bil-miktub u kopja lil Labour Office, it-tielet darba sospensjoni, ir-raba' darba imkeċċi mix-xogħol skond il-liġi". Kuntratt tax-xogħol jorbot liż-żewġ naħat u jrid jiġi skrupolożament rispettat, *pacta sunt servanda*. It-teżi tal-Appellant li hemm bżonn ta' erba' twissijiet hi sostnuta mill-kuntratt li jgħid ċar u tond li hemm bżonn ta' żewġ twissijiet u sospensjoni qabel ma jiskatta l-kastig estrem ta' tkeċċija. Fil-fatt jidher mill-provi li kien hemm twissija bil-miktub waħda biss. Kien hemm riferenza għal twissija oħra bil-miktub li allegatament inkitbet u wara apoloġija da parti tal-Appellant ġiet imqatta u ma daħlitx fir-*records* tal-Kumpanija Appellata. It-Tribunal ma jistax jikkonsidra dokument li ġie ammess bħala ineżistenti peress li ġie distrutt minn min għamlu. Għaldaqstant kellu quddiemu biss twissija waħda bil-miktub. Kellu ukoll allegazzjoni ta' diversi twissijiet orali li allegatament saru matul il-karriera qasira tal-Appellant. Kien hemm ukoll każi, imsemmija iżda mhux provati, ta' allegati żbalji frott ta' inkompetenza jew traskuraġni.

It-Tribunal jerġa għal darb'oħra jippronunzja ruħu fuq it-twissijiet. Dawn kemm verbali kif ukoll bil-miktub huma validi u normalment numru tagħhom jippreċedu liċenzjament. Iżda jridu jkunu twissijiet fil-veru sens mhux sempliċement kummenti jew osservazzjonijiet jew xi ċanfira. L-Employment Appeals Tribunal fl-Ingilterra fil-każ Plasticers Ltd vs Harold Amos tgħid ċar u tond li "*warning is only shorthand for steps which ought to be taken by the management.....as efforts to try and make the employee change, and an indication to him of the consequences if these efforts are unsuccessful*". Mela mhux biss irid ikun hemm twissija ċara iżda li jkun hemm fiha żewġ elementi essenzjali dik li l-ħaddiem irid jibdel l-atteġġjament tiegħu u li f'mankanza ta' dan x'konsegwenzi jista jaffaċċja.

Ġie allegat waqt is-smiegħ tal-każ li l-Appellant kien għad għandu jieħu xi flus dovuti lilu mingħand il-Kumpanija Appellata. Apparti minn dokumentazzjoni preżentata mill-Kumpanijja li dan ma kienx minnu t-Tribunal Industrijali ma għandux il-kompetenza li jisma u jiddeċidi talba simili.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-Appellant Anthony Mark Barbara ma ġiex liċenzjat għal raġuni ġusta u sufficjenti minn mal-Kumpanija Appellata Invicta Ltd.

## 5. Kumpens

Wara li ra l-artikolu 81(2) tal-Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 it-Tribunal jistabbilixxi l-kumpens dovut lill-Appellant Anthony Mark Barbara mill-Kumpanija Appellata Invicta Ltd fl-ammont ta' £M900 li għandu jitħallas sa l-aħħar ta Jannar 2005.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 6. Drittijiet

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

for

Mary Rose Galea
A/Segretarja